**ANNESS IV**

Il-lista li hemm referenza għaliha fl-Artikolu 22 ta' l-Att ta' l-Adeżjoni

1. IL-MOVIMENT LIBERU TAL-KAPITAL

It-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea: Parti Tlieta, Titolu III, Artikolu 58(1)(a):

Id-dritt ta' l-Istati Membri li japplikaw id-disposizzjonijiet rilevanti tal-liġi tagħhom dwar it-taxxa kif hemm referenza għalihom fl-Artikolu 58(1)(a) tat-Trattat tal-KE għandu japplika biss fir-rigward tad-disposizzjonijiet relevanti li eżistew fl-aħħar ta' l-1993. Fil-każ ta' l-Estonja, din id-data għandha tkun il-31 ta' Diċembru 1999. Madanakollu, dan għandu japplika biss għall-movimenti tal-kapital bejn l-Istati Membri u l-pagamenti magħmula bejn l-Istati Membri.

## 2. IL-LIĠI TAL-KUMPANNIJI

It-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea: Parti Tlieta, Titolu I, Il-Moviment Liberu tal-Merkanzija

### MEKKANIŻMU SPEĊIFIKU

Fir-rigward tar-Repubblika Ċeka, l-Estonja, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, il-Polonja, is-Slovenja jew is-Slovakkja, il-possessur, jew il-benefiċjarju tiegħu, ta’ brevett jew ċertifikat ta’ protezzjoni supplimentari għal prodott farmaċewtiku ppreżentat fi Stat Membru fi żmien meta dik il-protezzjoni ma setgħetx tinkiseb f’wieħed mill-Istati Membri l-ġodda msemmija hawn qabel għal dak il-prodott, jista' jafda fuq id-drittijiet mogħtija minn dak il-brevett jew iċ-ċertifikat ta’ protezzjoni supplimentari sabiex jipprevjeni l-importazzjoni u l-marketing ta’ dak il-prodott fl-Istat Membru jew Stati Membri fejn il-prodott in kwistjoni jgawdi minn protezzjoni permezz ta’ brevett jew xi protezzjoni supplimentari, anki jekk il-prodott tqiegħed fis-suq f’dak l-Istat Membru l-ġdid għall-ewwel darba minnu jew bil-kunsens tiegħu.

Kull persuna li għandha l-ħsieb timporta jew toħroġ fis-suq prodott farmaċewtiku kopert bil-paragrafu ta’ hawn qabel fi Stat Membru fejn il-prodott igawdi minn protezzjoni permezz ta’ brevett jew protezzjoni supplimentari għandha turi lill-awtoritajiet kompetenti fl-applikazzjoni rigward dik l-importazzjoni li jkun ingħata avviż ta’ xahar bil-quddiem lill-possessur jew lill-benefiċjarju ta’ dik il-protezzjoni.

## 3. IL-POLITIKA DWAR IL-KOMPETIZZJONI

It-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea: Titolu VI, Kapitolu 1 Regoli dwar il-Kompetizzjoni

1. L-iskemi ta’ għajnuna u għajnuna individwali li ġejjin li kienu fis-seħħ fi Stat Membru ġdid qabel id-data ta’ l-adeżjoni u li jkunu għadhom japplikaw wara dik id-data, għandhom jitqiesu ma’ l-adeżjoni bħala għajnuna eżistenti fis-sens ta’ l-Artikolu 88(1) tat-Trattat tal-KE:

   (a) miżuri ta’ għajnuna li daħlu fis-seħħ qabel l-10 ta’ Diċembru 1994;

   (b) miżuri ta’ għajnuna elenkati fl-Appendiċi ta’ dan l-Anness;

   (ċ) miżuri ta’ għajnuna li qabel id-data ta’ l-adeżjoni kienu valutati mill-awtorità li tissorvelja l-għajnuna mogħtija mill-Istat ta’ l-Istat Membru l-ġdid u meqjusa bħala kompatibbli ma’ l-*acquis*, u li dwarhom il-Kummissjoni ma ressqet l-ebda oġġezzjoni abbażi ta’ dubji serji dwar jekk il-miżura tkunx kompatibbli mas-suq komuni, skond il-proċedura stipulata fil-paragrafu 2.

   Kull miżura li tibqa’ tapplika wara d-data ta’ l-adeżjoni li hija miżura ta’ għajnuna mogħtija mill-Istat u li ma tissodisfax il-kondizzjonijiet stipulati hawn qabel, għandha ma’ l-adeżjoni tiġi meqjusa bħala għajnuna ġdida għall-iskopjiet ta’ l-applikazzjoni ta’ l-Artikolu 88(3) tat-Trattat tal-KE.

Id-disposizzjonijiet ta' hawn qabel la japplikaw għall-għajununa fis-settur tat-trasport, u lanqas għall-attivitajiet li għandhom x'jaqsmu mal-produzzjoni, ipproċessar u l-*marketing* ta' prodotti elenkati fl-Anness I mat-Trattat tal-KE bl-eċċezzjoni ta' prodotti tas-sajd u ta' prodotti li gejjin minnhom.

Id-disposizzjonijiet ta' hawn qabel għandhom ikunu wkoll mingħajr preġudizzju għall-miżuri transitorji li għandhom x'jaqsmu mal-Politika dwar il-Kompetizzjoni stipulati f'dan l-Att.

2. Safejn Stat Membru ġdid ikun jixtieq li l-Kummissjoni teżamina xi miżura ta' għajnuna taħt il-proċedura deskritta fil-paragrafu 1(ċ), dan għandu regolarment jipprovdi lill-Kummissjoni bi:

(a) lista ta' miżuri ta' għajnuna eżistenti li jkunu ġew meqjusa mill-awtorità nazzjonali li tissorvelja l-għajnuna mogħtija mill-Istat u li tqiesu minn dik l-awtorità li huma kompatibbli ma' l-*acquis*; u

(b) kull informazzjoni oħra li hija essenzjali biex tiġi meqjusa l-kompatibilità tal-miżura ta' għajnuna li għandha tiġi eżaminata,

skond il-format konkret għar-rapportar ipprovdut mill-Kummissjoni.

Jekk il-Kummissjoni ma tressaq l-ebda oġġezzjoni fir-rigward tal-miżura ta' għajnuna eżistenti abbażi ta' dubji serji dwar jekk il-miżura tkunx kompatibbli mas-suq komuni, fi żmien tliet xhur minn meta tirċievi l-informazzjoni sħiħa dwar dik il-miżura jew minn meta tirċievi id-dikjarazzjoni mill-Istat Membru l-ġdid fejn jinforma lill-Kummissjoni li hu jikkunsidra li l-informazzjoni pprovduta hija sħiħa minħabba l-fatt li l-informazzjoni addizzjonali mitluba mhijiex disponibbli jew tkun diġà ngħatat, il-Kummissjoni għandha titqies bħala li ma tkun ressqet ebda oġġezzjoni.

Kull miżura ta' għajnuna li tkun mgħoddija lill-Kummissjoni taħt il-proċedura deskritta fil-paragrafu 1(ċ) qabel id-data ta' l-adeżjoni hija soġġetta għall-proċedura ta' hawn qabel irrispettivament mill-fatt li fil-perijodu ta' l-eżami l-Istat Membru l-ġdid konċernat jkun diġà sar membru ta' l-Unjoni.

3. Deċiżjoni tal-Kummissjoni li toġġezzjona għal xi miżura, skond it-tifsira tal-paragrafu 1(ċ), għandha titqies bħala deċiżjoni biex tinbeda proċedura ta' investigazzjoni formali skond it-tifsira tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 659/1999 [1] li jistipula r-regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 93 tat-Trattat.

Jekk deċiżjoni bħal din tittieħed qabel id-data ta' l-adeżjoni, id-deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ biss fid-data ta' l-adeżjoni.

[1] (ĠU L 83, 27.3.99, p. 1)

4. Fir-rigward ta' għajnuna lis-settur tat-trasport, skemi ta' għajnuna u għajnuna individwali li jkunu fis-seħħ fi Stat Membru ġdid qabel id-data ta' l-adeżjoni, u li jkunu għadhom applikabbli wara dik id-data, għandhom jitqiesu bħala għajnuna eżistenti skond it-tifsira ta' l-Artikolu 88(1) tat-Trattat tal-KE sa l-aħħar tat-tielet sena wara d-data ta' l-adeżjoni, sakemm ikunu ġew komunikati lill-Kummissjoni fi żmien erba' xhur mid-data ta' l-adeżjoni. Din id-disposizzjoni għandha tkun mingħajr preġudizzju għall-proċeduri li għandhom x'jaqsmu ma' l-għajnuna eżistenti stipulati fl-Artikolu 88 tat-Trattat tal-KE.

L-Istati Membri l-ġodda għandhom jemendaw kull għajnuna meqjusa bħala eżistenti skond is-sub-paragrafu ta' hawn qabel sabiex din tikkonforma mal-linji-gwida applikati mill-Kummissjoni mhux aktar tard mill-aħħar tat-tielet sena wara d-data ta' l-adeżjoni.

Kull għajnuna eżistenti kif ukoll il-pjanijiet biex jingħataw jew jinbidlu l-għajnuniet, u li jkunu ġew komunikati lill-Kummissjoni qabel id-data ta' l-adeżjoni, għandhom jitqiesu bħala li jkunu ġew komunikati jew notifikati fid-data ta' l-adeżjoni.

4. L-AGRIKOLTURA

It-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, Taqsima Tlieta, Titolu II, l-Agrikoltura

1. Ħażniet pubbliċi miżmuma mill-Istati Membri l-ġodda fid-data ta' l-adeżjoni u li jirriżultaw mill-politika tagħhom ta' għajnuna lis-suq għandhom jgħaddu f'idejn il-Komunità għall-valur li jirriżulta mill-applikazzjoni ta' l-Artikolu 8 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru. 1883/78 li jistipula regoli ġenerali għall-iffinanzjar ta' interventi mill-Fond Ewropew ta' Gwida u Garanzija Agrikola, Sezzjoni tal-Garanzija[1]. Il-ħażniet imsemmija għandhom jgħaddu f'idejn il-Kummissjoni biss bil-kondizzjoni li jkun hemm disposizzjonijiet fir-regoli tal-Komunità għall-intervent pubbliku għall-prodotti in kwistjoni u li l-ħażniet jilħqu l-ħtiġiet Komunitarji rigward l-interventi.

2. Kull ħażna ta' prodott, kemm privata kemm pubblika, li fid-data ta' l-adeżjoni tkun f'ċirkolazzjoni libera fit-territorju ta' l-Istati Membri l-ġodda u li teċċedi l-kwantità li tista' tkun meqjusa bħala ħażna li normalment tgħaddi minn żmien għall-ieħor għandha tiġi eliminata bi spejjeż għall-Istati Membri l-ġodda.

   Il-kunċett ta' ħażna li normalment tgħaddi minn żmien għall-ieħor għandu jkun definit għal kull prodott abbażi ta' kriterji u miri speċifiċi għal kull organizzazzjoni komuni tas-suq.

[1] ĠU L 216, 5.8.1978, p. 1

3. Il-ħażniet li hemm referenza għalihom fil-paragrafu 1 għandhom jiġu mnaqqsa mill-kwantità li taqbeż il-ħażna li normalment tgħaddi minn żmien għall-ieħor.

4. Il-Kummissjoni għandha timplimenta u tapplika l-arranġamenti msemmija hawn fuq skond il-proċedura stipulata fl-Artikolu 13 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 1258/1999 dwar il-finanzjament tal-politika agrikola komuni[1] jew, jekk ikun il-każ, skond il-proċedura li hemm referenza għaliha fl-Artikolu 42(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 1260/2001 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fis-settur taz-zokkor[2], jew fl-Artikoli korrispondenti tar-Regolamenti l-oħra dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq agrikoli jew il-proċedura relattiva ta' kumitat kif stabbilita mil-leġislazzjoni applikabbli.

It-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, Taqsima Tlieta**,** Titolu VI, Kapitolu 1, Regoli dwar il-Kompetizzjoni

Bla preġudizzju għall-proċeduri li jirrigwardaw l-għajnuna eżistenti stipulati fl-Artikolu 88 tat-Trattat tal-KE, skemi ta' għajnuna u għajnuna individwali mogħtija għal xi attività konnessa mal-produzzjoni, l-ipproċessar jew il-*marketing* ta' prodotti elenkati fl-Anness I mat-Trattat tal KE, bl-eċċezzjoni tal-prodotti tas-sajd u prodotti mnisslin minnhom, li jkunu daħlu fis-seħħ fi Stat Membru ġdid qabel id-data ta' l-adeżjoni u li jkunu għadhom japplikaw wara dik id-data, għandhom jitqiesu bħala għajnuna eżistenti skond it-tifsira ta' l-Artikolu 88(1) tat-Trattat tal-KE bla ħsara għall-kondizzjonijiet li ġejjin:

[1] ĠU L 160, 26.6.1999, p. 103.
[2] ĠU L 178, 30.6.2001, p. 1.

– il-miżuri ta’ għajnuna għandhom jiġu komunikati lill-Kummissjoni fi żmien erba’ xhur mid-data ta’ l-adeżjoni. Din il-komunikazzjoni għandha tinkludi informazzjoni dwar il-bażi legali ta’ kull miżura. Il-miżuri ta’ għajnuna eżistenti kif ukoll il-pjanijiet biex jingħataw jew jinbidlu l-għajnuniet, komunikati lill-Kummissjoni qabel id-data ta’ l-adeżjoni, għandhom jitqiesu bħala li jkunu ġew komunikati fid-data ta’ l-adeżjoni. Il-Kummissjoni għandha tippublika lista ta’ dawn l-għajnuniet.

Dawn il-miżuri ta’ għajnuna għandhom jitqiesu bħala għajnuna "eżistenti" skond it-tifsira ta’ l-Artikolu 88(1) tat-Trattat tal-KE sa l-aħħar tat-tielet sena mid-data ta’ l-adeżjoni.

L-Istati Membri l-ġodda għandhom, fejn ikun meħtieġ, jemendaw dawn il-miżuri ta’ għajnuna sabiex ikunu konformi mal-linji-gwida applikati mill-Kummissjoni sa mhux aktar tard mill-aħħar tat-tielet sena mid-data ta’ l-adeżjoni. Wara dik id-data, kull għajnuna li tinsab li tkun inkompatibbli ma’ dawk il-linji-gwida għandha tkun meqjusa bħala għajnuna ġdida.

5. L-UNJONI DOGANALI

It-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, Taqsima Tlieta, Titolu I Moviment Liberu tal-Merkanzija, Kapitolu 1 L-Unjoni Doganali

31992 R 2913: Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru. 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Komunità (ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1) kif l-aħħar emendat bi:

– 32000 R 2700: Ir-Regolament (KE) Nru. 2700/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16.11.2000 (ĠU L 311, 12.12.2000, p. 17);

31993 R 2454: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru. 2454/93 tat-2 ta' Lulju 1993 li jistipula disposizzjonijiet għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru. 2913/92 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Komunità (ĠU L 253, 11.10.1993, p. 1), kif l-aħħar emendat bi:

– 32002 R 0444: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru. 444/2002 tal-11.3.2002 (ĠU L68, 12.3.2002, p. 11).

Ir-Regolament (KEE) Nru. 2913/92 u r-Regolament (KEE) Nru. 2454/93 għandhom japplikaw għall-Istati Membri l-ġodda skond id-disposizzjonijiet speċifiċi li ġejjin:

1. Minkejja l-Artikolu 20 tar Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru. 2913/92, merkanzija li fid-data ta' l-adeżjoni tinsab maħżuna temporanjament jew taħt xi waħda mit-trattamenti jew il-proċeduri tad-dwana li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 4(15)(b) u (16)(b) sa (g) ta' dak ir-Regolament fil-Komunità mkabbra, jew li tkun qed tiġi ttrasportata fi ħdan il-Komunità imkabbra wara li tkun għaddiet mill-formalitajiet ta' l-esportazzjoni, għandha tkun meħlusa mid-dazji doganali u miżuri doganali oħra meta titħalla tiċċirkola b'mod liberu sakemm tiġi ppreżentata xi waħda min dawn li ġejjin:

(a) prova ta' oriġini preferenzjali maħruġa kif suppost, qabel id-data ta' l-adeżjoni, taħt xi wieħed mill-Ftehim ta' l-Ewropa (imniżżlin hawn taħt) jew il-ftehim preferenzjali ekwivalenti milħuq bejn l-Istati Membri l-ġodda bejniethom, u li jipprojbixxi r-radd lura jew l-eżenzjoni mid-dazji doganali fuq materjal mhux oriġinarju użat fil-manifattura tal-prodotti li għalihom hija maħruġa jew magħmula prova ta' oriġini (regola "li ma hemmx radd lura");

(b) xi waħda mill-provi ta' status Komunitarju li hemm referenza għalihom fl-Artikoli 314ċ u 315 tar-Regolament (KEE) Nru. 2454/93.

2. Bl-iskop li jinħarġu l-provi msemmija fil-paragrafu 1(b) ta' hawn fuq b'referenza għas-sitwazzjoni fid-data ta' l-adeżjoni u b'żieda mad-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 4(7) tar-Regolament (KEE) Nru. 2913/92, "merkanzija Komunitarja" għandha tfisser merkanzija:

– miksuba kollha kemm hi fit-territorju ta' kwalunkwe mill-Istati Membri l-ġodda taħt kondizzjonijiet identiċi għal dawk ta' l-Artikolu 23 tar-Regolament (KEE) Nru. 2913/92 u li ma tinkorporax merkanzija importata minn pajjiżi jew territorji oħra;

– importata minn pajjiżi jew territorji minbarra l-pajjiż ikkonċernat, u rilaxxati għaċ-ċirkolazzjoni libera f'dak il-pajjiż;

– miksuba jew magħmula fil-pajjiż ikkonċernat, jew mill-merkanzija li hemm referenza għaliha fit-tieni inċiż ta' dan il-paragrafu biss jew mill-merkanzija li hemm referenza għaliha fl-ewwel u fit-tieni inċiż ta' dan il-paragrafu.

Il-Ftehim ta' l-Ewropa:

– 21994 A 1231 (34): Il-Ftehim ta' l-Ewropa li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom fuq naħa, u r-Repubblika Ċeka, fuq in-naħa l-oħra - Protokoll 4 li jikkonċerna d-definizzjoni tal-kunċett ta' prodotti oriġinarji u l-metodi ta' koperazzjoni amministrattiva[1];

– 21998 A 0309 (01): Il-Ftehim ta' l-Ewropa li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom fuq naħa, u r-Repubblika ta' l-Estonja, fuq in-naħa l-oħra - Protokoll 3 li jikkonċerna d-definizzjoni ta' prodotti oriġinarji u l-metodi ta' koperazzjoni amministrattiva[2];

– 21998 A 0202 (01): Il-Ftehim ta' l-Ewropa li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom fuq naħa, u r-Repubblika tal-Latvja, fuq in-naħa l-oħra - Protokoll 3 li jikkonċerna d-definizzjoni ta' prodotti oriġinarji u l-metodi ta' koperazzjoni amministrattiva[3];

---

[1] ĠU L 360, 31.12.1994, p. 2. Il-Ftehim kif l-aħħar emendat bi 22001 D 0178: id-Deċiżjoni Nru. 2/2001 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni ta' l-UE- ir-Repubblika Ċeka tat-23.1.2001 (ĠU L 64, 6.3.2001, p. 36).
[2] ĠU L 68, 9.3.1998, p. 3. Il-Ftehim kif l-aħħar emendat bi 22001 D 0211: id-Deċiżjoni Nru. 3/2001 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni ta' l-UE- l-Estonja tad-19.2.2001 (ĠU L 79, 17.3.2001, p. 26).
[3] ĠU L 26, 2.2.1998, p. 3. Il-Ftehim kif l-aħħar emendat bi 22001 D 0167: id-Deċiżjoni Nru. 1/2001 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni ta' l-UE-il-Latvja tat-23.12.2001 (ĠU L 60, 1.3.2001, p. 54).

– 21998 A 0220 (01): Il-Ftehim ta' l-Ewropa li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom fuq naħa, u r-Repubblika tal-Litwanja, fuq in-naħa l-oħra - Protokoll 3 li jikkonċerna d-definizzjoni ta' prodotti oriġinarji u l-metodi ta' koperazzjoni amministrattiva[1];

– 21993 A 1231 (13): Il-Ftehim ta' l-Ewropa li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom fuq naħa, u r-Repubblika ta' l-Ungerija, fuq in-naħa l-oħra - Protokoll 4 li jikkonċerna d-definizzjoni tal-kunċett ta' prodotti oriġinarji u l-metodi ta' koperazzjoni amministrattiva[2];

– 21993 A 1231 (18): Il-Ftehim ta' l-Ewropa li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom fuq naħa, u r-Repubblika tal-Polonja, fuq in-naħa l-oħra - Protokoll 4 li jikkonċerna d-definizzjoni tal-kunċett ta' prodotti oriġinarji u l-metodi ta' koperazzjoni amministrattiva[3];

---

[1] ĠU L 51, 20.2. 1998, p.3. Il-Ftehim kif l-aħħar emendat bi 22001 D 0236: id-Deċiżjoni Nru. 1/2001 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni ta' l-UE-il-Litwanja tal-25.1.2001 (ĠU L 85, 24.3.2001, p. 24).

[2] ĠU L 347, 31.12.1993, p. 2. Il-Ftehim kif l-aħħar emendat bi 22001 D 0120 (01): id-Deċiżjoni Nru. 4/2000 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni ta' l-UE-l-Ungerija tat-22.12.2000 (ĠU L 19, 20.1.2001, p. 26).

[3] ĠU L 348, 31.12.1993, p. 2. Il-Ftehim kif l-aħħar emendat bi 22001 D 0120 (02): id-Deċiżjoni Nru. 4/2000 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni ta' l-UE-il-Polonja tad-29.12.2000 (ĠU L 19, 20.1.2001, p. 29).

– 21999 A 0226 (01): Il-Ftehim ta’ l-Ewropa li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, waqt li qed jaġixxu fil-qafas ta’ l-Unjoni Ewropea, fuq naħa, u r-Repubblika tas-Slovenja, fuq in-naħa l-oħra - Protokoll 4 li jikkonċerna d-definizzjoni tal-kunċett ta’ "prodotti oriġinarji" u l-metodi ta’ koperazzjoni amministrattiva[1];

– 21994 A 1231 (30): Il-Ftehim ta’ l-Ewropa li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, fuq naħa, u r-Repubblika Slovakka, fuq in-naħa l-oħra - Protokoll 4 li jikkonċerna d-definizzjoni tal-kunċett ta’ "prodotti oriġinarji" u l-metodi ta’ koperazzjoni amministrattiva[2].

3. Bla ħsara għall-applikazzjoni ta’ xi miżura li toħroġ mill-politika kummerċjali komuni, prova ta’ oriġini maħruġa kif suppost minn pajjizi terzi fil-qafas ta’ ftehim preferenzjali milħuqa mill-Istati Membri l-ġodda ma’ dawk il-pajjiżi jew fil-qafas ta’ leġislazzjoni nazzjonali unilaterali ta’ l-Istati Membri l-ġodda, għandha tiġi aċċettata fl-Istati Membri l-ġodda rispettivi, sakemm:

---

1 ĠU L 51, 26.2.1999, p. 3. Il-Ftehim kif l-aħħar emendat bi 22001 D 0217 (02): id-Deċiżjoni Nru. 5/2000 tal-Kunsill ta’ Assoċjazzjoni ta’ l-UE-is-Slovenja tat-22.12.2000 (ĠU L 48, 17.2.2001, p. 23).

2 ĠU L 359, 31.12.1994, p. 2. Il-Ftehim kif l-aħħar emendat bi 22001 D 0237: id-Deċiżjoni Nru. 2/2001 tal-Kunsill ta’ Assoċazzjoni ta’ l-UE-is-Slovakkja tat-22.2.2001 (ĠU L 85, 24.3.2001, p. 27).

(a) il-ksib ta’ din l-oriġini jagħti trattament ta’ tariffa preferenzjali abbażi tal-miżuri ta’ tariffi preferenzjali li jeżistu fil-ftehim jew fl-arranġamenti li l-Komunità laħqet ma’ pajjiżi terzi jew gruppi ta’ pajjiżi jew li adottat fir-rigward tagħhom, kif imsemmi fl-Artikolu 20(3)(d) u (e) tar-Regolament (KEE) Nru. 2913/92;

(b) il-prova ta’ oriġini u d-dokumenti tat-trasport kienu nħarġu mhux aktar tard mill-jum ta’ qabel id-data ta’ l-adeżjoni;

(ċ) il-prova ta’ oriġini tiġi ppreżentata lill-awtoritajiet tad-dwana fi żmien erba' xhur mid-data ta’ l-adeżjoni.

Fejn il-merkanzija kienet iddikjarata għall-importazzjoni fi Stat Membru ġdid qabel id-data ta’ l-adeżjoni taħt arranġamenti preferenzjali li jkunu fis-seħħ f’dak l-Istat Membru l-ġdid f’dak il-waqt, prova ta’ oriġini maħruġa b’lura taħt dawk l-arranġamenti tista' wkoll tiġi aċċettata fl-Istati Membri l-ġodda sakemm tkun ippreżentata lill-awtoritajiet tad-dwana fi żmien erba' xhur mid-data ta’ l-adeżjoni.

4. Ir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, il-Polonja, is-Slovenja u s-Slovakkja huma awtorizzati li jżommu l-awtorizzazzjonijiet li bihom ikun ingħata l-istatus ta' "esportaturi approvati " fil-qafas ta' ftehim milħuqa ma' pajjiżi terzi, sakemm:

(a) din id-disposizzjoni tkun stipulata wkoll fil-ftehim milħuqa qabel id-data ta' l-adeżjoni minn dawk il-pajjiżi terzi ma' l-Unjoni; u

(b) l-esportaturi approvati japplikaw ir-regoli ta' oriġini Komunitarji.

Dawn l-awtorizzazzjonijiet għandhom jinbidlu mill-Istati Membri l-ġodda, mhux aktar tard minn sena wara d-data ta' l-adeżjoni, b'awtorizzazzjonijiet ġodda maħruġa taħt il-kondizzjonijiet tal-leġislazzjoni Komunitarja.

5. Talbiet għal verifika sussegwenti ta' prova ta' oriġini maħruġa taħt il-ftehim preferenzjali u l-arranġamenti li hemm referenza għalihom fil-paragrafi 3 u 4 ta' hawn fuq għandhom ikunu aċċettati mill-awtoritajiet kompetenti tad-dwana ta' l-Istati Membri attwali u ta' l-Istati Membri l-ġodda għal perjodu ta' tliet snin wara li tinħareġ il-prova ta' oriġini kkonċernata u jistgħu isiru minn dawk l-awtoritajiet għal perjodu ta' tliet snin wara li l-prova ta' oriġini li ssaħħaħ id-dikjarazzjoni ta' ċirkolazzjoni libera tkun aċċettata.

6. Fejn il-prova ta' oriġini u/jew id-dokumenti tat-trasport ikunu nħarġu qabel id-data ta' l-adeżjoni, u fejn xi formalitajiet tad-dwana huma meħtieġa għall-kummerċ ta' merkanzija bejn l-Istati Membri l-ġodda u l-Istati Membri attwali jew bejn l-Istati Membri l-ġodda stess, id-disposizzjonijiet tal-Protokolli li jikkonċernaw id-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji" u l-metodi tal-koperazzjoni amministrattiva tal-Ftehim rilevanti għandhom japplikaw.

7. Il-proċeduri li jirregolaw it-tqegħid fid-depożt mid-dwana stipulati fl-Artikoli 84 sa 90 u 98 sa 113 tar-Regolament (KEE) Nru. 2913/92 u l-Artikoli 496 sa 535 tar-Regolament (KEE) Nru. 2454/93 għandhom japplikaw għall-Istati Membri l-ġodda skond id-disposizzjonijiet speċifiċi li ġejjin:

– il-proċedura għandha titwettaq skond il-kondizzjonijiet tal-leġislazzjoni Komunitarja. Fejn dan it-twettiq jirriżulta f'dejn doganali, l-ammont imħallas għandu jitqies bħala riżorsi tal-Komunità stess. Fejn l-ammont tad-dejn doganali huwa ikkalkulat abbażi tan-natura tal-merkanzija importata, tal-valur għall-iskopijiet doganali u tal-kwantità ta' merkanzija importata fil-waqt li tkun ġiet aċċettata d-dikjarazzjoni li tqiegħda fid-depożt mid-dwana u dik id-dikjarazzjoni tkun ġiet aċċettata qabel id-data ta' l-adeżjoni, dawn l-elementi għandhom joħorġu mill-leġislazzjoni applikabbli fl-Istat Membru l-ġdid ikonċernat qabel id-data ta' l-adeżjoni.

8. Il-proċeduri li jirregolaw l-ipproċessar intern stipulati fl-Artikoli 84 sa 90 u 114 sa 129 tar-Regolament (KEE) Nru. 2913/92 u l-Artikoli 496 sa 523 u 536 sa 550 tar-Regolament (KEE) Nru. 2454/93 għandhom japplikaw għall-Istati Membri l-ġodda skond id-disposizzjonijiet speċifiċi li ġejjin:

– il-proċedura għandha titwettaq skond il-kondizzjonijiet tal-leġislazzjoni Komunitarja. Fejn dan it-twettiq jirriżulta f'dejn doganali, l-ammont imħallas għandu jitqies bħala riżorsi tal-Komunità stess. Fejn l-ammont tad-dejn doganali huwa ikkalkulat abbażi tal-klassifikazzjoni tat-tariffa, tal-kwantità, tal-valur għall-iskopijiet doganali u ta' l-oriġini tal-merkanzija importata fil-waqt li tkun ġiet aċċettata d-dikjarazzjoni li tpoġġihom taħt l-ipproċessar intern u dik id-dikjarazzjoni tkun ġiet aċċettata qabel id-data ta' l-adeżjoni, dawn l-elementi għandhom joħorġu mill-leġislazzjoni applikabbli fl-Istat Membru l-ġdid ikonċernat qabel id-data ta' l-adeżjoni;

– fejn dan it-twettiq jirriżulta f'dejn doganali, sabiex tinżamm l-ekwità bejn persuni stabbiliti fl-Istati Membri attwali li għandhom l-awtorizzazzjoni u dawk fl-Istati Membri l-ġodda, għandhom jitħallsu interessi bħala kumpens fuq id-dazji ta' l-importazzjoni dovuti skond il-kondizzjonijiet tal-leġislazzjoni Komunitarja mid-data ta' l-adeżjoni;

– jekk id-dikjarazzjoni għall-iproċessar intern kienet aċċettata taħt sistema ta' radd lura, ir-radd lura għandu jsir skond il-kondizzjonijiet tal-leġislazzjoni Komunitarja, mill-Istat Membru l-ġdid u bl-spejjeż tiegħu, fejn id-dejn doganali li għalih jintalab ir-radd lura jkun sar qabel id-data ta' l-adeżjoni.

9. Il-proċeduri li jirregolaw l-ipproċessar taħt il-kontroll tad-dwana stipulati fl-Artikoli 84 sa 90 u 130 sa 136 tar-Regolament (KEE) Nru. 2913/92 u l-Artikoli 496 sa 523 u 551 sa 552 tar-Regolament (KEE) Nru. 2454/93 għandhom japplikaw għall-Istati Membri l-ġodda skond id-disposizzjonijiet speċifiċi li ġejjin:

– il-proċedura għandha titwettaq skond il-kondizzjonijiet tal-leġislazzjoni Komunitarja. Fejn dan it-twettiq jirriżulta f'dejn doganali, l-ammont imħallas għandu jitqies bħala riżorsi tal-Komunità stess.

10. Il-proċeduri li jirregolaw l-importazzjoni temporanja stipulati fl-Artikoli 84 sa 90 u 137 sa 144 tar-Regolament (KEE) Nru. 2913/92 u l-Artikoli 496 sa 523 u 553 sa 584 tar-Regolament (KEE) Nru. 2454/93 għandhom japplikaw għall-Istati Membri l-ġodda skond id-disposizzjonijiet speċifiċi li ġejjin:

– il-proċedura għandha titwettaq skond il-kondizzjonijiet tal-leġislazzjoni Komunitarja. Fejn dan it-twettiq jirriżulta f'dejn doganali, l-ammont imħallas għandu jitqies bħala riżorsi tal-Komunità stess. Fejn l-ammont tad-dejn doganali huwa ikkalkulat abbażi tal-klassifikazzjoni tat-tariffa, tal-kwantita', tal-valur għall-iskopijiet doganali u ta' l-oriġini tal-merkanzija importata fil-waqt li tkun ġiet aċċettata d-dikjarazzjoni li tqiegħda taħt l-importazzjoni temporanja u dik id-dikjarazzjoni tkun ġiet aċċettata qabel id-data ta' l-adeżjoni, dawn l-elementi għandhom joħorġu mill-leġislazzjoni applikabbli fl-Istat Membru l-ġdid ikonċernat qabel id-data ta' l-adeżjoni;

– fejn it-twettiq jirriżulta f'dejn doganali, sabiex tinżamm l-ekwita' bejn persuni stabbiliti fl-Istati Membri attwali li għandhom l-awtorizzazzjoni u dawk fl-Istati Membri l-ġodda, għandhom jitħallsu interessi bħala kumpens fuq id-dazji ta' l-importazzjoni dovuti skond il-kondizzjonijiet tal-leġislazzjoni Komunitarja mid-data ta' l-adeżjoni.

11. Il-proċeduri li jirregolaw l-ipproċessar estern stipulati fl-Artikoli 84 sa 90 u 145 sa 160 tar-Regolament (KEE) Nru. 2913/92 u l-Artikoli 496 sa 523 u 585 sa 592 tar-Regolament (KEE) Nru. 2454/93 għandhom japplikaw għall-Istati Membri l-ġodda skond id-disposizzjonijiet speċifiċi li ġejjin:

– il-proċedura għandha titwettaq skond il-kondizzjonijiet tal-leġislazzjoni Komunitarja. Fejn dan it-twettiq jirriżulta f'dejn doganali, l-ammont imħallas għandu jitqies bħala riżorsi tal-Komunità stess. It-tieni sub-paragrafu ta' l-Artikolu 591 tar-Regolament (KEE) Nru. 2454/93 għandu japplika *mutatis mutandis* fir-rigward ta' merkanzija għall-esportazzjoni temporanja li tkun ġiet esportata b'mod temporanju mill-Istati Membri l-ġodda qabel l-adeżjoni.

12. L-awtorizzazzjonijiet li jkunu ngħataw qabel l-adeżjoni għall-użu tal-proċeduri doganali li hemm referenza għalihom fil-paragrafi 8, 9 u 11 ta hawn qabel għandhom jibqgħu jgħoddu sa l-aħħar tal-validita' tagħhom jew sa sena wara d-data ta' l-adeżjoni, skond liema tiġi l-ewwel.

13. Il-proċeduri li jirregolaw is-seħħ ta' djun doganali, id-dħul fil-kontijiet u l-ġbir ta' ħlasijiet wara l-isdazjar stipulati fl-Artikoli 201 sa 232 tar-Regolament (KEE) Nru. 2913/92 u l-Artikoli 859 sa 876a tar-Regolament (KEE) Nru. 2454/93 għandhom japplikaw għall-Istati Membri l-ġodda skond id-disposizzjonijiet speċifiċi li ġejjin:

– il-ġbir għandu jsir skond il-kondizzjonijiet tal-leġislazzjoni Komunitarja. Madanakollu, fejn il-djun doganali jkunu saru qabel id-data ta' l-adeżjoni, il-ġbir għandu jsir skond il-kondizzjonijiet fis-seħħ fl-Istat Membru l-ġdid ikkonċernat, minnu u favur tiegħu stess.

14. Il-proċeduri li jirregolaw il-ħlas lura u t-tnaqqis tad-dazju stipulati fl-Artikoli 235 sa 242 tar-Regolament (KEE) Nru. 2913/92 u l-Artikoli 877 sa 912 tar-Regolament (KEE) Nru. 2454/93 għandhom japplikaw għall-Istati Membri l-ġodda skond id-disposizzjonijiet speċifiċi li ġejjin:

– il-ħlas lura u t-tnaqqis tad-dazji għandhom isiru skond il-kondizzjonijiet tal-leġislazzjoni Komunitarja. Madanakollu, fejn id-dazji li għalihom issir talba biex jiġu mħallsa lura jew imnaqqsa għandhom x'jaqsmu ma' dejn doganali li jkun sar qabel id-data ta' l-adeżjoni, il-ħlas lura u t-tnaqqis tad-dazji għandhom isiru skond il-kondizzjonijiet fis-seħħ fl-Istat Membru l-ġdid ikkonċernat, minnu u bl-ispejjez tiegħu.

## Appendiċi ta' l-ANNESS IV

LISTA TA' MIŻURI TA' GĦAJNUNA EŻISTENTI LI HEMM REFERENZA GĦALIHOM f'PUNT 1(b) TAL-MEKKANIŻMI TA' GĦAJUNUNA EŻISTENTI STIPULATI FIL-KAPITOLU 3 TA' L-ANNESS IV

Nota: Il-miżuri ta' għajnuna mniżżla f'dan l-Appendiċi għandhom jitqiesu bħala għajununa eżistenti biss għall-iskopijiet ta' l-applikazzjoni tal-mekkaniżmu ta' għajnuna eżistenti stipulata fl-Anness IV sakemm ma jaqgħux taħt l-iskop ta' l-ewwel paragrafu tiegħu.

| Nru. | | | Titolu (oriġinal) | Data ta' approvazzjoni mill-awtorità nazzjonali li tissorvelja l-għajnuna mogħtija mill-Istat | Tul ta' żmien |
|---|---|---|---|---|---|
| SM | Nru | Sena | | | |
| CZ | 1 | 2002 | Investiční pobídka pro společnost Candy Elletrodomestici S.r.l. | 2/06/2000 | 10 snin |
| CZ | 2 | 2002 | Investiční pobídka pro společnost ARROW International CR, a.s. | 2/06/2000 | 5 snin |
| CZ | 6 | 2002 | Investiční pobídka pro společnost Viscofán, a.s. | 2/08/2000 | 10 snin |
| CZ | 7 | 2002 | Investiční pobídka pro společnost Foxteq Holdings Inc. | 29/08/2000 | 10 years |
| CZ | 8 | 2002 | Programy výzkumu a vývoje Ministerstva průmyslu a obchodu | 19/09/2000 | 31/12/2005 |
| CZ | 9 | 2002 | Investiční pobídka pro společnost Rodenstock ČR, s.r.o. | 9/08/2000 | 5 snin |
